

# L-IMPENN TA' ĠESU FAVUR IL-BATUTI (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Luqa huwa l-evanġelista soċjali; aġġettiv li jaqbel tassew meta wieħed jagħmel il-kritika nterna. Fil-ħsieb u fil-fond tal-qalb ta' Luqa, Ġesù huwa dak li jsejjaħ henjin il-fqar (Lq 6,20), u fl-itess waqt jitkellem tant iebes fejn jidħlu l-għonja. "Ħażin għalikom, intom l-għonja" (Lq 6,24). Hawn Ġesù qed jagħmel sejħa profetika qawwija; stedina għal proprejtarji biex jużaw sewwa l-ġid tagħhom u jagħmlu karità: "Mela agħtu karità minn dak li

hemm ġewwa u taraw kif kollox ikunilkom nadif" (Lq 11,41).

## Stedina għaċ-ċaħda

F'tifsira aktar wiesgħa Ġesù qed jordna biex wieħed jitlaq ġidu kollu (14,33), ibigħ kull ma għandu u jagħtih lill-foqra (18,22). Din l-istedina hija indirizzata lil dawk li jridu jersqu l-aktar fil-qrib ma' Ġesu. Ma tistax tkun dixxiplu ta' Ġesù jekk wieħed ma jirrinunzjax għall-ġid proprju tiegħu, inkluż ir-rabtiet ta' mal-familja (18,28-30). Imma minn barra dan iċ-ċirku ta' dawk li jridu jimxu wara Ġesu, din l-istedina ddur ukoll fuq il-bnedmin kollha. L-eżortazzjoni ġejja mill-ambjent ta' Luqa u dan sabiex waqt ikla ma tistedinx lill-familjari u anqas ġirien għonja imma "lill-foqra, il-magħtubin, iz-zopop , u l-għomja" (14,12), hija stedina magħmula lilll-kulħadd, b'mod speċjali lis-sinjuri.
Il-kritika qawwija lill-għani msemmi fil-parabbola tal-għani u Lazzru, hija ndirizzata lill-bnedmin kollha mingħajr ebda restrizzjoni. It-tagħlim dwar it-tezori li wieħed għandu jiġmà mhux le f'din id-dinja imma fis-sema (Lq 12,33), taqbel perfettament mal-kliem meqjus; "Ma tistgħux isservu lil Alla u lill-flus" (Lq 16,13; Mt 6,24). Dejjem skont Luqa, iċ-ċaħda sħiħa għal dak li wieħed jippossjedi, it-theddid ta' tkeċċija mis-saltna t'Alla (18, 25), dawn jiġu ssiġillati sew fil-predikazzjoni ta' Ġesù; anzi huma rikjesti l-aktar meħtieġa biex wieħed jidħol fis-saltna.

Dawn it-talbiet hekk radikali, Ġesù bosta drabi jindirizzahom lid-dixxipli tiegħu; dawn kellhom ikunu ta' tip u mudell għall-komunità Kristjana. Huwa proprju għalhekk li bosta drabi Ġesu jdur fuq il-komunità u jgħidilha: "Le merħla ċkejkna, tibżgħu xejn, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-Saltna! U dritt wara jkompli; "Biegħu ġidkom u agħtuh karità u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux..." (Lq 12,33). Aktar 'l isfel imbagħad, fil-parabbola tal-qaddej fidil u dak ħazin Pietru jistaqsi lil Ġesù: "Din il-parabbola qiegħed tgħidha għalina jew għal kulħadd" (Lq 12,41). Il-kuntest huwa ċar; Ġesu jindirizza lill-mexxejja responsabbli mill-komunità.

## Il-foqra

Biex wieħed jifhem il-ħsieb ta' Luqa f'relazzjoni mal-predikazzjoni ta' Ġesù wieħed għandu iżomm f'moħħu ċar minn huma l-foqra *ptohoi*. Din il-kelma Luqa jiktibha għaxar darbiet u dejjem ifisser dawk li materjalment huma foqra, neqsin mill-meħtieġ, mela tallaba. Fil-beatitidni dwar il-foqra (Lq 6,20), u dan f'kuntrast mal-għonja (Lq 6,24), wieħed hawn jifhem faqar li jġib l-ġuħ u d-dmugħ. F'Mattew din l-istess beatitudni, tiġi mqiegħda f'kuntest reliġjuż. Huma dawn il-foqra li joqogħdu b'mod sħiħ għar-rieda t'Alla, billi jqiegħdu fih it-tama sħiħa tagħhom. Fuq l-istess livell hemm ukoll dawk

li jibku imma jiġu kkonslati; dawk ta' qalbhom ħelwa u li għad jirtu l-art, jiġifieri s-saltna t'Alla (Mt 5,3-6). F'dan l-istess ħsieb hemm it-twissija għall-ħajja magħquda m' Alla; mela bnedmin ta' ħniena, dawk li jġibu l-paċi, u li jsofru persekuzzjoni għall-imħabba tal-ġustizzja.
Dawk li bħal issa għandhom il-ġuħ u jibku, fil-ġejjieni għad ikunu mxebbgħin u jidħku fiż-żmien li ġej, dak li jġib Alla miegħu, jeħles id-destin tal-foqra u ta' dawk li jbatu hawn fuq l-art jibku. Din it-tħabbira ta' salvazzjoni lill-foqra, tingħata flimkien mal-ħelsien lill-ħabsin, id-dawl lill-għomja, nifs ta' hena lil dawk maħqura. Il-bidla li se ssir bejn dawn ta' din id-dinja fis-saltna futura għandha l-fundament tagħha fil-Manifikat: "Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn" (Lq 1,53). Fl-istess ħin kemm il-beatitudni kif ukoll is-saħtiet għandhom bħala għan il-ħarsa eskatoloġika. Dejjem fil-Vanġelu ta' Luqa, ma hemm qatt ebda idea ta' xewqa ta' kastig, imma u dan jgħodd kemm għall-propjetarji kif ukoll għal għonja u dawk potenti, hemm sejħa qawwija għal konversjoni. Mill-Vanġelu jidher sew kemm Luqa baqa' marbut waħda sew mal-predikazzjoni ta' Ġesù fejn jitkellem dwar il-mistednin għat-tieġ. Luqa jikteb li f'okkażjonijiet bħal dawn wieħed ma għandux jistieden il-familjari, l-għonja, daqskemm il-foqra, magħtubin, zopop u l-għomja (Lq 14,12-14). Meta wieħed jiftakar li dawn il-kwalitajiet ta' nies bħall-imġiddma kienu meqjusin imniġġsa, mela ta' min iwarrabhom u jaħrabhom, kliem Ġesu għandu tassew qawwa. Li wieħed iħejji ikla għal dawk li huma mwarrbin mis-soċjetà, dan jaqbel mat-tgħlim dwar l-imħabba tal-proxxmu.

Biex wieħed jifhem aktar dawn il-fqar wieħed għandu jżomm f'moħħu l-istat meskin ta' dawn il-morda u l-batuti. Huma qegħdin fuq l-istess livell ta' dawk zopop, għomja u mifluġa (Lq 14,13.21). U dan għaliex il-faqar laqathom tant li waslu fi stat li jittalbu bil-kbir. Dawn it-talin li ma setgħux jipprovdu għalihom infushom, kienu jgħixu mill-mejda tal-fqar. Biss fi żmien Ġesù ma kien hemm ebda organizzazzjoni serja dwar dan.
Fin-nuqqas tal-għajnuna pubblika lill-foqra, kien hemm xi forom ta' għajnuna oħra imma din privata, u dan kien meħtieġ tassew. Ġesu għamel stedina qawwija ħafna fejn tidħol il-karità-għajnuna. "Bigħu ġidkom u agħtuh karità u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux". (q 12,33). Il-kap tal-publikani Żakkew, meta ddeċieda li jagħti nofs ġidu lill-foqra (Lq 19,8) kien qed jimxi fuq din l-istedina ta' Ġesu. Ġesù kkritika b'mod l-aktar aħrax għal mod legalistiku li bih kienu jimxu l-Fariżej, għax dawn kienu mitlufin fil-ħasil minn barra tal-ktieli, borom u platti, biex imbagħad minn ġewwa mimlija serq u xeħħa. "Mela agħtu karità minn dawk li hemm



ġewwa u taraw kif kollox ikunilkom nadif" (Lq 11,41). Luqa kiteb ukoll l-eżempju ta' dik il-mara fqira li tefgħet is-sehem tagħha fit-teżor tat-tempju (Lq 21, 1-4; Mk 12, 41-44). Għall-evanġelista Luqa l-faqar huwa stat li jgħakkes waħda sew lill-bniedem. Għalhekk wieħed għandu jagħmel ħiltu biex itaffih billi jgħin mill-ġid li jkollu. Ġesu stess kien jagħmel parti miċ-ċetu tal-fqar, u bil-mirakli tal-fejqan tiegħu, wera kif wieħed jista' jgħin lil dawn il-fqar. Il-faqar iwassal għall-mewt; hekk per ezempju kienu dawk l-imġiddmin; Imma Ġesu lil dak ir-raġel marid sewwa bil-lebbra" fejqu dritt (Lq 5,12). Lażżru, raġel fqir, mixħut fuq l-għatba tal-bieb, mimli ċraret kien tassew qrib il-mewt. Imma wara mewtu l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham.
Luqa aktar mill-evanġelisti l-oħra sħabu għamel għażla favur dawk foqra. Għalih huma l-magħżulin ta' Alla, li għad ikollhom sehem fis-saltna futura. Meta pparagunati ma' dawk għonja, l-foqra jiġu mgħollija 'l fuq u dan grazzi għall-imħabba t'Alla lejhom (Lq 16,22). Hekk Luqa jsir il-prekursur ta' privileġġ għall-fqar. Dan fil-verità wieħed jarah fl-ewwel snin tal-Kristjanezmu, speċjalment fl-ittra ta' Ġakbu: "Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-saltna" (Ġak 2,5).

## Il-għonja

Luqa jiddedika aktar tagħrif dwar il-għana milli lejn il-faqar, avolja bejniethom hemm rabta reċiproka. Minn dak li ħalla Luqa fl-evanġelju, wieħed jiltaqa ma numru ta' ħażin għalikom il-għonja(Lq 12,24), il-parabbola tal-bidwi li stagħna ħafna (12,16-21),



*Żakkew*



id-diskors dwar l-ikliet kbar u bil-ħala (14,12-14), il-parabbola tal-għani u Lazzru (l16,19-31), u l-episodju tal-kap tal-publikani Zakkew (19, 2-10).

Kif jiġu deskritti l-foqra? Wieħed jissopponi li jkollu ħafna ġid materjali, fuq kollox beni mmobbli. Ma' dawn hemm dawk li għandhom ħafna proprejtà, kummerċ wiesà tassew, u kuntratturi dwar xogħlijiet. Luqa ma jiteressahx wisq minn fejn ġie il-ġid, imma jħares lejn l-imġiba ta' dak li huwa għani. Luqa huwa aktar minn ċert li l-għana hija kawża ta' xeħħa kbira (12,15). Barra dan l-għani jkompli jaħseb u jerġa' jaseb ta' kif ikompli jiġma' l-ġid (8,4; 12,19). Aktar ma għadu, dejjem irid aktar.

Il-għana twassal għall-inġustizzi, il-għonja dejjem iridu is-siwi ta' kollox; iridu minn ifaħħarhom u junurahom (14,7-10). Fost il-ħażin għalikom ta' Ġesu hemm ukoll din : Ħażin għalikom meta kulħadd isemmikom fil-ġid. Għax l-istess għamlu missirijietkom lill-profeti foloz" (6,26). Ġesu jagħmel enfasi qawwija fuq "l-għonja", fuq il-konsegwenzi koroh li joħorġu (26,25) u speċjalment għaliex dawn ġew ħafna f'ilsien in-nies (26,26).

Il-perikli li joħorġu mill-għana u dan biex wieħed isalva ħajtu huma bosta; ħajja f'lussu kbir (12,19), id-disprezz tal-foqra (16,20), l-ambizzjoni u l-għira (14,7), l-arroganza (14,16-2). Il-għana twassal biex wieħed iwarrab 'l Alla u jingħalaq waħda sew għas-sejħa li jagħmillu l-Mulej (18,22). Il-għana tant hija ta' dannu li l-għonja xejn mhu faċli għalihom li jidħlu fis-saltna t'Alla u dan għaliex "eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla" (Lq 18,25). Biss hawn ukoll wieħed għandu jagħmel għażla u attenzjoni. Qatt ma għandha issir kundanna bħala tali għal dak li wieħed jippossjedi, imma għall-vjolenza, għall-ħtif, għall-korruzzjoni u għall-inġustizzi li jtaqqlu sew fuq minn jippossedihom.

Luqa jkompli jgħallem dwar l-onestà fin-negozju ta' din id-dinja. Iwissi bil-qawwa biex wieħed jamministra bil-għaqal dak kollu li ġie fdat f'idejh. L-insistenza biex wieħed ikun fidil fil-ftit hekk imbagħad jiġi afdat fil-wisq jitfa' dawl fuq il-komunità biex din tħaddem bil-għaqal il-flus li jiġu fdati f'idejjha. Il-ħażen tal-"mammona" jiġifieri flus jiġi kkuntrastat mal-għana vera; kif ukoll wieħed għandu juri u jagħmel attenzjoni speċjali wkoll fil-ġid ta' ħaddiehor: "U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?" (Lq 16,12). It-taqsima sħiħa li hemm bejn il-versi 9-13 huwa tagħlim ċar, qawwi u konċiż ta' kif wieħed jagħmel użu tajjeb mill-fus u mill-ġid kollu l-ieħor ta' din l-art. Hawn jidher li l-enfasi qiegħda fuq il-mod ta' kif wieħed jamministra sew il-ġid li jkollu. Is-sentenza tal-għeluq, "ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus" (Lq 16,13) tfisser li wieħed għandu jagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu.